-

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

[Nhar it-Tlieta 21 ta' April 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' remotely fil-5 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5pm.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Id-D.S.E qal illi l-kunsillier S.Farrugia ma setax jaċċessa l-laqgħa mix-xogħol.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 B'referenza għall-appell illi tressqet għall-imwejjed u s-siġġijiet barra l-Housing Estate, is-Sindku qal illi l-appell miexi izda m'hemmx zviluppi. Qal ukoll illi għad m'hemmx risposta fuq l-appell tal-pompa tal-petrol. Qal illi għandu jara mall-avukata jekk hemmx xi zviluppi.

11.2.2 Is-Sindku qal illi għadu rrid jagħmel kuntatt dwar it-telephone box antika ta' żmien l-Inglizi.

11.2.3 Il-kunsillier A.Zammit ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-Vici Sindku ssekondaħ. Il-Kunsill qabel.

## 11.3 Korrespondenza mas-Sindku

11.3.1 Id-D.S.E qal illi rċieva talba biex isir Tower Crane f'triq Belvedere bejn Piazza Meme Scicluna u triq il-Flotta. Din it-talba kienet waslet fil-passat izda qatt ma kienu bagħtu d-dokumenti kollha. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi għandom juzaw it-Tower Crane illi hemm fil-Pjazza la m'hemmx bogħod.

11.3.2 Is-Sindku qal illi rċieva talba għal Tower Crane fl-istess triq [Belvedere] izda n-naħa bejn Coleridge u triq il-Flotta. It-triq se tiġi effittivament magħluqa għal perjodu ta' madwar erba' xhur wara Ottubru. Triq Coleridge għanda tiġi one-way minn Belvedere għal Ponsonby. Dawn għandom jintbagħtu lil TM għall-approvazzjoni tagħhom.

11.3.3 Skema 2: Is-Sindku qal illi r-Reġjun approvaw l-applikazzjoni biex nużaw €2000 għall-NGO's fil-lokalita. Qal illi t-talba saret għal €1000 għall-banda u €1000 għall-pageant.

11.3.4 Marina: Is-Sindku qal illi rċieva talba biex isir hoarding fl-ewwel biċċa tal-parking tan-naħa li toħroġ għal Ta' Xbiex, dan sabiex jibdew ix-xogħolijiet tal-Marina. Il-Kunsill qabel.

11.3.5 Policlinic: Is-Sindku qal illi Public Health għamlu talba biex il-Kunsill jagħmel tajjeb għal ħlas ma third parti biex nikru sala biex dik tintuza bħala berġa, u l-Kunsill jieħu l-kumpens mingħandom. Id-D.S.E fakkar illi kien hemm ftehim simili għas-sala ta' triq San Albert izda issa din ma tistax tintuza peress illi qed tintuza minflok għal ċerti servizzi li kienu jingħataw minn Boffa. Is-Sindku qal illi diġa għandom f'moħħom post li raw u qed nistennew konferma tal-prezz. Id-D.S.E qal illi għall-użu ta' propjeta immobbli m'hemmx bzonn toħroġ tender izda avviz pubblika biex nagħtu opportunita lil kulħadd. Qal illi peress illi din se ssir għan-nom ta' entita differenti li diġa rrakamondaw il-post, bagħat emajl lid-DLG ħalli l-affarijiet isiru kif suppost.

## 11.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

11.4.1 Id-D.S.E qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

## 11.5 Rapporti

11.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 11.6 *Financial Statements*

11.6.1 Id-D.S.E qal illi l-Financial Statements huma lesti avolja qegħdin tard ħafna. Dan minħabba diversi problemi li kien hemm kemm fis-sistema tal-Payroll, kemm bid-dewmien biex nipprovdu informazzjoni minħabba l-problemi kurrenti, kiif ukoll minħabba dewmien minn naħa tall-accountant.,

11.6.2 Is-Sindku ta rendikont tall-istatements. Wara diskussjoni fost il-punti li ġew imseemin kien il-fatt illi waqt illi hemm flus fil-bank, il-Kunsill irid joqgħod attent għax kien hemm ħafna izjed infieq milli kien hemm dħul. Fis-sena 2019 saru l-proġetti fil-bini tal-Kunsill, kif ukoll dik tan-niċċa u diversi proġetti kapitali waqt illi naqqas id-dħul tal-permessi. ID-D.S.E qal illi għadna rridu xi flus mill-WasteServ minħabba l-organic waste.

11.6.3 Wara diskussjoni il-Financial Statements il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li jiġu approvati. Il-kunsillier J.Cardona ssekondah. Il-Financial Statements ġew approvati.

## 11.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

11.7.1 Il-kunsillier A.Zammit qal illi peress illi mhux se jsiru ammont ta' attivitajiet din is-sena minħabba l-COVID. Talab illi nuzaw ftit flus biex id-drama u crafts isiru online via l-facebook. Il-Kunsill qabel unaniment.

11.7.2 Fuq il-punt tall-attivitajiet peress illi mhux se jsiru ħafna minnhom din is-sena s-Sindku qal illi jippreferi li nikkanċellaw kollox sal-aħħar tas-sena u s-sena d-dieħla ssir ċelebrazzjoni kbira għaċ-ċentinarju tal-Paroċċa.

11.7.3 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qed ikun hemm ħafna scaffoldings u dawn ma jħallsux. Is-Sindku qal illi sema fuq kunsillier partikolari li ċċarġja ammont kbir għal scaffolding. Id-D.S.E qal illi avolja hemm ambigwita fil-liġi fejn jidħlu scaffoldings, hemm liġi bir-rati u l-impjegati jafu bihom. Qal illi fil-passat kien qalilhom biex joħorġu permess temporanju sakemm titla l-iskaffolding, u meta titlesta l-kuntrattur ikollu jibgħat dokument iffirmat minn structural engineer illi tiġi ċertifikata. Wara jħallsu r-rata skont kemm qegħdin jieħdu area. Qal illi hekk kien qed isir.

11.7.4 Il-Viċi Sindku qal illi meta saret Gzira road, parti minnha ma ingħatatx tarmakk peress illi kien hemm Tower Crane. Id-D.S.E qal illi għandom jieħdu ħsieb huma li kellom it-Tower Crane kif kienu qalu dak iz-zmien.

11.7.5 Il-kunsillier H.Caruana xtaq jirringrazzja lis-Sindku u lill-kunsilliera N.Chetcuti u J.Cardona għall-assistenza tagħhom li taw wara l-inċident li seħħ ġewwa triq San Albert fit-18 t'April. Estenda l-iringrazzjament lill-kunsill kollu. Id-D.S.E qal illi intbagħtet skip biex sid il-post ikun jista jarmi l-affarijiet malajr.

11.7.6 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi tkellem mall-kumpanija Bad Boys li huma lesti jibagħtu ħaddiema biex jieħdu ħsieb knis ta' areas pubbliċi. Il-Kunsill għandu jlesti lista ta' postijiet li fejn għandom jaħdmu.

11.7.7 Il-Viċi Sindku staqsa fejn għandom jiġu rraportati xogħolijiet illegali. Id-D.S.E qal illi bħal dejjem il-pulizija jew il-BRO, jiddependi fuq x'tip ta' abbuzi/xogħolijiet qed ikun hemm.

11.7.8 Il-kunsillier N.Chetcuti għamel referenza għal chat fejn intqal illi nhar ta' Sibt permessi joħorġu fid-9.30am. Qal illi permessi nhar ta' Sibt dejjem ħarġu bejn is-7am u 2pm. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu taħt dawn iċ-ċirkostanzi fejn kulħadd qiegħed ġewwa, m'għandomx jibdew kmieni. Il-Kunsill qabel.

11.7.9 Il-kunsillier J.Cardona staqsa dwar il-foodbank. Is-Sindku qal illi mexjin tajjeb.

11.7.10 Il-kunsillier J.Cardona staqsa dwar is-sejħa tas-Segretarju Eżekuttiv. Id-D.S.E qal illi ħarġet għal darb'oħra nhar il-Ġimgħa 17 ta' April.

11.7.11 Id-D.S.E qal illi rċieva talba mill-Bus Stop Kiosk biex jiġu rranġatti l-Public Conveniences, bl-assistenza tagħhom. Il-Kunsill qabel illi din isir issa.

11.7.12 Il-kunsillier J.Cardona staqsa dwar xogħol il-Contracts Manager u jekk se tara l-permessi ta' kostruzzjoni. Id-D.S.E qal illi din ġiet spjegata kemm il-darba u anka fil-laqgħa li saret apposta biex jiġu spjegati t-tenders, fejn xogħol il-Contracts Manager hi biex zzomm kontroll fuq il-kuntratti tal-Kunsill. Fejn tara xogħol mingħajr permess waqt illi qed tagħmel ix-xogħol tagħha, għanda tirraporta izda m'għanda l-ebda dritt twaqqafhom.

11.7.13 Is-Sindku qal illi ħafna anzjani ma jafux illi qed ikun hemm deliveries u an għalhiex m'hemmx bizzejjed promozzjoni. Wara diskussjoni ġie pproponiet illi tintbagħat leaflet lil households kollha. Kien hemm nuqqas ta' qbil mill-kunsilliera J.Borg u A.Zammit peress illi l-virus tista tittieħed b'dan il-mod. Is-Sindku u l-kunsillier J.Cardona qalu li d-direttivi huma li meta tirċievi xi ħaġa tħalliha tistenna naqra sakemm tmissha u xorta qegħdin jintbagħat kontijiet, eċċ.

## 11.8 MOZZJONI

11.8.1 Il-kunsillier J.Cardona ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-kunsillier A.Zammit fejn talab illi nħallsu għas-servizz biex persuna taqra għat-tfal fuq FB bl-ingliz u bil-malti. Hemm spiza ta' €20 fis-siegħa u għanda siegħa fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel mall-kunċett. Is-Sindku qal illi għandna naraw
11.8.2 mall-Assistant Head ħalliu din isir flimkien mall-iskola u jkollom ukoll il-contacts tat-tfal.

Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu s-Seg Eżekuttiv ħaqqu full Performance Bonus. Il-Viċi Sindku ppropona li jieħdu l-bonus. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondah. Il-Kunsill qabel.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa tkompli.**

## 11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.9.1 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ

## 11.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2020 fil-5pm

Konfermati, illum 19 ta' Mejju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |